# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-15 TA' LULJU 2021

**Kawza Numru: 10**

**Rik. Gur. 1219/2020 RGM**

**OzoMalta Limited**
**(C-9023)**

**Vs.**

**Cavendish Hotels Limited**
**(C-8372)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' OzoMalta Limited** ipprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2020 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**Dikjarazzjoni tal-Fatti:-**

1. Illi s-soċjeta' intimata regolarment tingaġġa lis-soċjeta' attriċi sabiex teżegwixxi servizzi ta' tindif ġewwa diversi postijiet, inkluż lukandi;

2. Illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi fil-konfront tas-socjeta' attriċi fl-ammont ta' Mija u Ħamsa u Sebgħin Elf, Seba' Mija u Tlieta u Tletin Ewro u Ħamsa u Disgħin Ċenteżmu (€ 175,733.95) bħala bilanċ dovut fuq servizzi ta' tindif mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' intimata fuq inkarigu tagħha;

3. Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u fir-rigward ta' liem, sa fejn taf is-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' intimata ma għandiex eċċezzjonijiet validi fil-liġi xi tressaq;

4. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-bilanċ, fosthom permezz ta' ittra interpellatorja datata 7 ta' Diċembru 2020 is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti

**Raguni tat-Talba:-**

5. Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi mis-soċjeta' rikorrenti sabiex tersaq għall-hlas tal-bilanċ dovut ta' ta' Mija u Ħamsa u Sebgħin Elf, Seba' Mija u Tlieta u Tletin Ewro u Ħamsa u Disgħin Ċenteżmu (€ 175,733.95) hija baqgħet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u għalhekk jeżistu l-elementi kollha preskritti mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 sabiex it-talbiet tas-soċjeta' attriċi jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smiegħ

tal-kawża billi sa fejn taf s-soċjeta' attriċi, l-intimati ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu;

**Talbiet:-**

Tgħid għalhekk s-soċjeta' intimata għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u b'dispensa mis-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-Artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' Mija u Ħamsa u Sebgħin Elf, Seba' Mija u Tlieta u Tletin Ewro u Ħamsa u Disgħin Ċenteżmu (€ 175,733.95) liema ammont jirrappreżenta bilanċ dovut fuq servizzi reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' intimata.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjeta' intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Tony Fiorini anness mar-rikors ġuramentat kif ukoll id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu appuntat ir-rikors ġuramentat għas-smiegħ.

Semgħat it-testimonjanza ta' Denise Ellul imsejħa mis-soċjeta' konvenuta.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi sabiex il-Qorti tisma' l-kawża bid-dispensa mis-smiegħ.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

Sabiex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi li qed titlob li l-Qorti tisma' l-kawza odjerna bid-dispensa mis-smigħ, is-soċjeta' konvenuta resqet bħala xhud lil Denise Ellul, *accounts supervisor* mal-kumpanija Edrichton fejn spjegat illi meta faqqet il-pandemija Covid-19 is-soċjeta' konvenuta spiċċat mingħajr impjegati u kien il-managing director tas-soċjeta' konvenuta, Louis Tabone, li huwa wkoll il-managing director tas-soċjeta' Edrichton, li talabha tivverifika il-kontijiet tas-soċjeta' attriċi pendenti kontra s-soċjeta' konvenuta.

Ix-xhud spjegat illi s-Sur Tabone għaddilha kopja ta' ftehim datat 23 ta' Dicembru 2016[1] bejn is-soċjeta' konvenuta u kumpanija bl-isem Captain Morgan Leisure Ltd li permezz tiegħu is-soċjeta konvenuta tat servizzi lis-soċjeta' Captain Morgan Leisure Ltd u li fir-rigward ta' tali servizzi hemm dovuta s-somma ta' €59,158.80. Ix-xhud spjegat li s-Sur Tabone talabha tivverifika u tirrevedi l-kontijiet mibgħuta mis-soċjeta' attriċi billi tikkonsidra s-somma ta' €59,158.80 bħala tpaċija parzjali tas-somma reklamata mis-soċjeta' attriċi. Ix-xhud spjegat ukoll illi kieku ma kienx għal din is-somma ta' €59,158.80, is-somma reklamata mis-soċjeta' attriċi fil-kawża odjerna kienet tkun kollha dovuta.

Ikkonsidrat;

Ftit hemm x'jiġi kkonsidrat dwar ir-raġuni mressqa mis-soċjeta' konvenuta sabiex tikkontesta t-talba għall-kanonizzazzjoni tal-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi.

---

[1] Dok DE1 a fol. 47 tal-proċess

Huwa evidenti minn eżami tad-dokument a fol 47 tal-proċess illi l-ammont pretiż mis-soċjeta' konvenita ma hux dovut mis-soċjeta' attriċi iżda minn soċjeta' oħra li ma hiex parti f'dawn il-proċeduri. Huwa għalhekk evidenti illi l-pretensjoni li qed tressaq is-soċjeta' konvenuta bħala raġuni għaliex għandha titħalla tikkontesta l-kawża hija kjarament infondata u bl-ebda mod ma l-Qorti tqis li tissodisfa l-estremi sabiex is-soċjeta' konvenuta titħalla tippreżenta risposta ġuramentata.

La ġie allegat u wisq anqas tresqet xi prova almenu fuq livell ta' prima facie illi l-ammont reklamat mis-soċjeta' konvenuta ġie b'xi mod assunt mis-soċjeta' attriċi.

Kif jipprovdi l-**Artikolu 1196 tal-Kap. 16,**

> (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.
>
> (2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed,jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.

Tenut kont illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex tavvera ruħha tpaċija parzjali bejn dak reklamat mis-soċjeta' attriċi fil-kawża odjerna, u dak reklamat mis-soċjeta' konvenuta; il-Qorti ma tqisx tali raġuni miġjuba mis-soċjeta' konvenuta bħala raġuni tajba sabiex il-Qorti ma tismax il-kawża odjerna bid-dispensa mis-smigħ tenut kont illi l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi huwa kreditu ċert, likwidu u dovut tant li x-xhud imressaq mis-soċjeta' konvenuta kkonfermat illi kiemu mhux għas-somma li qed tippretendi s-soċjeta' konvenuta, s-somma reklamata mis-soċjeta' attriċi hija kollha dovuta.

Il-Qorti tqis l-eċċeżżjoni li trid tressaq is-soċjeta' konvenuta bħala manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt u fit-termini tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta m'għandiex eċċezzjonijiet prima facie fil-liġi jew fil-fatt xi ġġib kontra l-mertu tal-azzjoin attriċi.

Tiddikjara wkoll illi s-soċjeta' attriċi resqet biżżejjed provi permezz tal-affidavit ta' Tony Fiorini u d-dokumenti annessi, sabiex turi sodisfaċentement illi s-sorte reklamata huwa kreditu ċert, likwidu u dovut.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi prevja li tiċħad it-talba tas-soċjeta' konvenuta sabiex tingħata l-permess tippreżenta risposta ġuramantata;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi ser tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin elf, seba' mija u tlieta u tletin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€ 175,733.95).liema ammont jirrappreżenta bilanċ dovut fuq servizzi reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma imsemmija ta' € 175,733.95.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' konvenuta u bl-imgħax kummerċjali mill-20 ta' Awissu 2020 sad-data tal-ħlas effettiv.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Lulju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**